MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 733/1992/2

**Anthony sive Tony Aquilina**

**vs**

**Av. Anthony Henry Farrugia li b' degriet ta' l-24 ta' Settembru 1996 gie nominat deputat kuratur biex jirraprezenta lill-imsiefer Robert Yates ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Mark James – Salvage – Limited.**

**[<u>recte</u>: Av. Anthony Henry Farrugia li b' degriet ta' l-24 ta' Settembru 1996 gie**

**nominat deputat kuratur biex jirraprezenta lill-imsiefer Robert Yates ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Mark James – Salvage – Limited.**

**vs**

**Anthony sive Tony Aquilina]**

## Il-Qorti:

## Preliminari:

Din is-sentenza tikkoncerna proceduri ta' ritrattazzjoni istitwiti minn Anthony Aquilina fit-22 ta' Awissu, 1996 wara li din il-Qorti, b'sentenza tal-31 ta' Mejju, 1996, fl-ismijiet "Robert Yates ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Mark James – Salvage – Limited v. Anthony sive Tony Aquilina" ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Kummerc moghtija fit-12 ta' Lulju, 1993 li permezz taghha l-istess Anthony sive Tony Aquilina kien gie kundannat ihallas lis-socjeta` Mark James – Salvage – Limited is-somma ta' LM9,425 bl-imghax skond il-ligi u l-ispejjes tal-istess proceduri, liema somma kienet tirrapprezenta prezz ta' hwejjeg tan-nisa mibjugha u kkonsenjati mill-imsemmija socjeta` lir-rikorrent odjern.

Ghall-ahjar intendiment tar-rikors u tal-pronunzjament ta' din il-Qorti jkun utili tinghata rassenja ta' dak kollu li gara bejn il-kontendenti.

a) Il-proceduri gew istitwiti mis-socjeta` llum intimata (Citaz. Nru 733/92) fejn kien gie premess illi fit-18 ta' Marzu, 1992 hi kienet bieghet u kkonsenjat lill-konvenut 80 carton kontenenti erbat elef *garment* tan-nisa bil-prezz miftiehem u konvenut ta' sittax-il elf lira nglizi oltre li fl-20 ta' Mejju, 1992 beghlu u kkonsenjalu 122 blouse bil-prezz ta' erba' liri sterlini l-wiehed ammontanti ghal £Stg488. Minn dan l-ammont il-konvenut, rikorrent odjern, hallas

biss LM50 u ghalhekk kien baqghalu jghati lis-socjeta` estera l-ammont li eventwalment gie kkundannat.

b) F’dawk il-proceduri l-konvenut (rikorrent odjern) kien eccepixxa li hu ma kienx il-legittimu kontradittur billi kien ittrattata mall-kumpanija attrici ghan-nom tad-ditta Global International. Illi fi kwalunkwe kaz in-negozju kien sar ma’ socjeta` estera ohra u cioe` “The Mark James Surplus Company Limited” u ghalhekk ma kien hemm ebda relazzjoni guridika. Finalment fil-meritu l-konvenut kien eccepixxa li l-ammont reklamat kien esagerat u bazat fuq dokumenti falsifikati li qatt ma gew trasmessi la lilu u lanqas lid-ditta Global International ta’ liema huwa mhux il-proprjetarju. Ghalhekk l-ammont dovut kien ferma anqas.

c) Fis-sentenza taghha tat-12 ta’ Lulju, 1993 l-Qorti tal-Kummerc, rrespingiet l-eccezzjonijiet u laqghet it-talbiet attrici, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
“*Ikkunsidrat li din hija kawza li mhux suppost li kellha tipprezenta xi diffikultajiet partikolari dwar esposizzjoni ta’ fatti billi si trattava ta’ bejgh/xiri ta’ numru ta’ lbies u hlas relattiv ghalihom. Kif invece zvolgew l-istess fatti u minhabba l-intromissjoni tal-partijiet, din il-bicca negozju komplikat ruhha mhux hazin.*
*Illi l-ewwel komplikazzjoni nqalghet zgur minhabba li l-konvenut kien issugerixxa lill-attur nomine biex dan jibghatlu xi ‘invoices’ battala. L-idea x’aktarx kienet li dawn l-‘invoices’ jew fatturi jimtlew mill-konvenut b’taghrif skorrett u ghall-fini ta’ zdoganar biex jithallas dazju anqas – att purament illecitu u illegali. Fil-fatt l-attur nomine adempixxa tali suggeriment u hekk jidher illi sar. B’daqshekk pero` ma jfissirx illi l-konvenut jista’ jghid li huwa ma ordnax u ma rceviex l-ordni li ghamel fil-kwantitajiet li talab in realta`.*
*L-attur nomine xhed fit-tul fejn spjega kif il-konvenut tela’ fil-‘warehouses’ tieghu fir-Renju Unit. L-attur nomine xhed li proprjament huwa kien imexxi zewg kumpaniji, wahda bl-isem ta’ Mark James (Salvage) Limited u l-ohra Mark James Surplus Company. L-attur nomine xhed li n-negozju sar ma’ l-ewwel socjeta` pero` bi zball u meta huwa kien assenti nhareg ‘invoice’ skorrett mit-tieni*

*socjeta`. L-attur nomine xhed u tella' provi in konferma li huwa nnegozja direttament mal-konvenut u li l-ordni – li giet hekk ezegwita – kienet ghall-erbat elef (4000) bicca lbies bil-prezz ta' erba' liri sterlini (4) kull wahda – b'kollox 16,000 sterlina – li minnhom thallsu biss LM50 0 akkont u xejn aktar. L-attur nomine inoltre xehed illi, oltre dawn, il-konvenut xtara wkoll 122 blouses li gew konsenjati lilu fil-Hotel Dragonara fejn kien alloggjat l-attur nomine.*

*Il-partijiet qablu illi ghalkemm suppost waslu 80 'cartons', fil-fatt waslu biss 66 jew 68, ghaliex zgur li kien hemm 14-il 'carton' anqas mal-wasla. Dwar dana pero` l-attur nomine xehed u ssottometta li n-negozju sar 'ex-warehouse' u li t-trasport kien a riskju u taht ir-responsabbilita` tal-konvenut u ghalhekk jekk stess kien hemm 'short delivery' din kellu jbatiha l-konvenut. Il-fatti effettivament jikkonfermaw li l-oggetti <u>de quo</u> nbieghu 'ex-warehouse' u li kien hemm responsabbli ghat-trasport l-Express Trailers imqabbdin mill-konvenut innifsu.*

*Xehed ukoll il-konvenut illi accetta li huwa rcieva biss 1,200 (elf u mitejn) bicca lbies versu l-prezz ta' lira sterlina l-bicca u li huwa kien pront ihallas biss ghal dana l-ammont. Il-konvenut ma jaghtix spejgazzjoni cara ta' kemm ezattament ordna hwejjeg u lanqas dwar l-arrangament ghall-fini ta' garr tal-merkanzija.*

*Il-Qorti, fid-dawl tad-divergenzi lampanti bejn verzjoni (u) ohra, bil-fors kellha taghti piz sew lid-deposizzjonijiet tal-kontendenti u dan ovvjament ghall-fini ta' kredibilita`.*

*Issa jekk wiehed iqabbel parti mix-xhieha tal-konvenut ma' dak li huwa nnifsu eccepixxa fin-nota tal-eccezzjonijiet li pprezenta issib diskrepanzi notevoli. Hekk, nghidu ahna:*

*<u>Nota tal-eccezzjonijiet</u> – ara l-ewwel paragrafu u qabbel din mas-segwenti, fol 47,*

*"Jiena m'ghandi x'naqsam xejn mas-socjeta` Global International. Ghamilt uzu minn dan l-isem bil-permess tas-sur Busuttil."*

*"Il-merkanzija nhattet f'90 St. John Street, Valletta li huwa tieghi u tiggestih il-mara tieghi."*

*"Nghid li din il-merkanzija nbieghet xi ftit."*

*fol.50*

*"Nghid li d-'deal' proprjament mal-kontroparti kien li hu (l-attur nomine) kien ser jibghatli certu ammont ta'*

*merkanzija u mir-rikavat li jkun hemm mid-dhul naqsmuhom bejni u bejnu."*
*Il-Qorti ma tifhimx kif allura l-konvenut qatt seta' jeccepixxi li huwa qatt ma nnegozja f'ismu u mbaghad fl-ahhar nota tas-sottomissjonijiet ighid li din il-bicca tal-isem ma kienetx importanti! It-tieni eccezzjoni – mhux biss giet spjegata b'mod car u minghajr ma gie kontradett mill-attur nomine imma ma treggix lanqas minn dak li ddepona l-istess konvenut.*
*Fil-meritu, l-Qorti jidhrilha li bejn verzjoni u ohra ghandha taghti ferm izjed kredibilita` lil dak li xehed l-attur nomine minn dak li invece xehed il-konvenut. Waqt li l-konvneut ma jichadx li kien hu li talab li jintbaghtulu fatturi vojta biex jimlihom kif kien jaqbel lilu, fl-istess waqt jeccepixxi bhallikieku xejn li l-ammont pretiz kien wiehed ezagerat u bazat fuq dokumenti falsifikati.*
*Il-konvenut, ighid li hafna mill-hwejjeg ma kienux tajbin pero` ma jghidx x'ghamel bihom u lanqas proprjament ma jichad dak li xehed l-attur nomine li lahaq ra parti minnhom jinbieghu lokalment u fin-negozju 'zingarella' tal-konvenut versu l-prezz ta' ghaxar liri maltin (LM10) kull pezza.*
*Tenut kont tas-suespost, il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti widen ghall-verzjoni tal-fatti kif proferita mill-attur nomine u tiskarta invece l-verzjoni moghtija mill-konvenut."*

d) Il-konvenut appella mis-sentenza fuq imsemmija billi sostna li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi. Sostna wkoll illi "f'dan ir-rigward jigi rilevat li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra funditus l-eccezzjoni tal-konvenut appellant li l-ammont rikjest hu esagerat". Dan l-appell izda gie michuda bl-ispejjes kontra l-istess konvenut b'sentenza tal-31 ta' Mejju, 1996 wara li din il-Qorti, kif dak inhar komposta, osservat li hi "*ezaminat bir-reqqa l-atti processwali u waslet ghall-konvinciment li ma kienu jirrizultaw l-ebda element ta' sustanza li jiggustifikaw l-aggravji avvanzati mill-konvenut appellant*."
Infatti din il-Qorti, fis-sentenza fuq imsemmija, osservat ukoll li fis-sentenza appellata ma kien hemm ebda punt ta' dritt li gie deciz u li, fi kliem l-istess sentenza, l-ewwel Qorti kienet biss ghamlet "*ezami akkurat u analitiku tal-provi prodotti mill-kontendenti biex waslet ghall-*

*konkluzzjoni li l-verzjoni ta' l-attur nomine kienet ferm aktar kredibbli u attendibbli minn dik tal-konvenut."* Dik il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li *"ghandha taccetta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti li kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u li tevalwa l-bixra ta' kif xehdu*" u dana *"fin-nuqqas ta' raguni gravi li twassalha ghall-konvinciment illi altrimenti tkun qed tissanzjona ingustizzja manifesta."*

e) Fit-22 ta' Awissu, 1996 l-konvenut, (rikorrent odjern) talab lil dina l-Qorti li a tenur tal-Artikolu 811 (a), (k) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-31 ta' Marzu (li fil-verita` ghandha tkun Mejju) 1996, u tordna li l-kawza tigi ritrattata. Biss qabel ma nghaddu biex nikkonsidraw it-talba kontenuta fl-imsemmi rikors ikun utili li jissemmew zewg incident ohra relatati ma din is-saga. Fit-8 ta' Lulju 1996, u cioe xahar u gimgha wara s-sentenza ta' din il-Qorti li kienet kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fejn il-konvenut Aquilina kien gie kkundannat jhallas l-ammont reklamat mis-socjeta` estera, gie pubblika kuntratt fl-atti tan-Nutar Patrick Critien li permezz tieghu r-rikorrent u martu kienu kkostitwew **ipoteka specjali** favur is-socjeta` kreditrici ghall-ammont kanonizzat bis-sentenzi imsemmija. Dan il-kuntratt sar sabiex, filwaqt li s-socjeta` kreditrici estera tinghata garanzija ghall-pagament dovut, din ma tkompliex tipprocedi bl-ezekuzzjoni tas-sentenza deciza favur taghha. Biss gara li ftit xhur wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt, l-istess rikorrent u martu, li kienet iffirmat l-imsemmi kuntratt, istitwew proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi dikjarat li dak l-kuntratt kien null u bla effett in kwantu kien hemm vizju tal-kunsens billi dan gie mehud bi vjolenza, b'ghemil doluz u gie moghti bi zball. Dawn il-proceduri gew determinati b'sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Mejju, 2001 meta t-talbiet attrici gew michuda filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti gew milqugha.

f) Finalment ir-rikorrent odjern istitwixxa proceduri quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Settembru, 1996 (Citazz. Nru 2/96) bl-iskop li jottjeni ordni biex is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 1996 moghtija minn din il-Qorti ma tigix ezegwita

sakemm issir ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawza, billi tali ezekuzzjoni "*tikkaguna aktar pregudizzju lill-attur milli pregudizzju ghas-socjeta` konvenuta*" . Dawn il-proceduri jifforma l-meritu tal-kawza li, skond ordni ta' din il-Qorti, imxiet ma' dawn il-proceduri u ser tigi deciza llum stess f'gudizzju separat.

**It-Talba ghar-ritrattazzjoni.**

Kif gja nghad it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza deciza fil-31 ta' Mejju, 1996 hija impernjata fuq tlett kawzali imsemmija fl-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-paragrafi (a), (k) u (l). Dawn il-paragrafi jikkontemplaw r-ritrattazzjoni ta' sentenza moghtija fi grad ta' appell (a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra; (k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza; u (l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Fir-rigward ta' din l-ahhar kawzali ghar-ritrattazzjoni l-ligi tkompli tghid li "*jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.*"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "*res judicata pro veritate habetur*". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza **Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et** gie osservat li "*L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata <u>ghat-tielet darba.</u> L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi*

*– prim' istanza u appell – mentri <u>r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi,</u> minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.*"

Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza **Mark Causon vs Carmel Portelli noe et** b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li "*Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima* ***res judicata pro veritate habetur****....Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima* (Koll. Vol. XXVII – I – 818). *Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih <u>tribunal tat-tielet istanza</u>* (Koll Vol.XLIII - I – 227) *haga li mhux permessa mill-ligi.*"

Fil-kuntest ta' dawn il-principji issa rridu nezaminaw r-ragunijiet mressqa mir-rikorrent in sostenn tat-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni. Jidher li ghalkemm ir-rikorrent qieghed jistrieh fuq tlett paragrafi tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 u cioe` il-qerq, l-ezistenza ta' dokument deciziv u zball li fuqu s-sentenza giet bbazata, kollox hu marbut ma' dokument li r-rikorrent jghid li huwa rrenixxilu jottjeni wara li nghatat is-sentenza soggett tar-ritrattazzjoni. Dan huwa d-dokument 'X' anness mar-rikors promotur li jinsab ezebit a fol 142 tal-process.

Ir-rikorrent isostni li dan id-dokument, li apparentement huwa 'invoice' rilaxxat mis-socjeta` The Mark James Surplus Co. Ltd fit-18 ta' Marzu, 1992, jirrispekkja n-negozju li kien sar bejn il-kontendenti kuntrarjament ghal

dak li jirrizulta fl-'invoice' numru 4261 tal-istess data ezebit bhala Dok B mis-socjeta` kreditrici flimkien mac-citazzjoni a fol 7 tal-process. Ir-rikorrent jghid li dan id-dokument huwa l-uniku wiehed ufficjali billi ittimbrat mid-Dipartiment tad-Dwana, huwa ffirmat mir-rappresentant tas-socjeta` kreditrici u intuza biex tigi rilaxxata l-merkanzija destinata lill-konvenut. Ir-rikorrent ghalhekk isostni li dan id-dokument huwa dokument decisiv kif kontemplat fil-paragrafu (k) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhala tali l-istess dokument ghandu jigustifika t-talba ta' ritrattazzjoni.

Qed jigi sottomess ukoll li la darba d-dokument 'X' huwa dak li jirrispekkja n-negozju veru ta' bejn il-kontendenti, jsegwi li s-sentenza kontra tieghu (cioe` kontra Aquilina) ittiehdet b'qerq in kwantu bazata fuq dokumenti foloz iffabrikati mill-attur nomine wara li saret il-konsenja tal-merkanzija. Similment qed jigi sottomess li s-sentenza kienet effett ta' zball kemm-il darba din ma hijiex msejsa fuq dokument "*reali u ffirmat mill-attur nomine u li kien dokument ufficjali rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti ...*"

**Sentenza kienet l-effett ta' Zball.**

Il-paragrafu (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkoncedi d-dritt lill-parti sokkombenti li titlob r-rexissjoni ta' sentenza u l-eventwali ritrattazzjoni tal-kawza jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher <u>mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza</u>. (sottolinear tal-Qorti). Inoltre dan l-istess subinciz jipprovdi li jitqies li jkun hemm zball, fil-kaz biss "*li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament .....*"
Fil-gurisprudenza dejjem gie ritenut li meta talba tkun bazata fuq dan il-paragrafu il-fatt jrid jrrizulta mill-atti jew dokumenti tal-kawza deciza u ma jistax, ghal fini ta' dan l-aggravju, u sabiex jigi determinat dak l-izball, isir "*konfront ta' dokument fil-kawza ma dokument barra mill-kawza."* (Appell 28.2.97 in re **Pio Vassallo vs Emmanuele Chetcuti et**).

Fil-Libell ta’ **Gaetano Mifsud vs Gaetano Zahra** deciz fit-18 ta’ Gunju, 1954 minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, insibu lista ta’ hames prereqwiziti ghall-applikazzjoni ta’ dan il-paragrafu. Hemm jinghad hekk:-
*“Illi mill-ezami ta’ l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta’ fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb Mattirolo* (Vol. IV, Pag. 825)*:-*
*1. Illi l-izball ikun zball materjali ta’ fatt, u mhux zball ta’ kriterju jew ta’ interpretazzjoni;*
2. *Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta’ atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta’ l-izball;*
3. *Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cjoe`, li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b’mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;*
4. *Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta’ fatt manifest, tkun tista` tigi sorretta b’ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata;*
5. *Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta’ kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.”*

F’dawn il-proceduri r-rikorrent qed jsostni t-talba tieghu bazata fuq l-paragrafu (l) tal-Artikolu 811 in kwantu l-qorti ma haditx konsiderazzjoni tad-dokument ‘X’ ezebit mar-rikors promotur. Dan huwa dokument li qatt ma ngieb a konjizzjoni la ta’ l-ewwel qorti u lanqas ta’ din il-Qorti fl-istadju tal-appell u ghalhekk ma kienx fl-atti tal-kawza. Tant hu minnu dan li l-istess rikorrent jghid li dan id-dokument huwa ottenieh wara s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta’ Mejju 1996. Jidher ghalhekk li huwa nieqes it-tieni reqwizit elenkat fis-sentenza fuq imsemmija u li jirrizulta car mill-kliem tal-istess paragrafu (l), u dana billi r-rikorrent qed jipprova jibbaza l-izball tal-qorti li ppronunzjat s-sentenza fuq dokument gdid ezebit f’dawn

il-proceduri u mhux fuq dokument li jirrizulta mill-atti tal-kawza deciza bis-sentenza fuq imsemmija. L-ilment tar-rikorrent a tenur tal-paragrafu (l) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalhekk, mhux ammissibbli.

**Is-sentenza ttiehdet b'qerq.**

Il-paragrafu (a) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprospetta l-kaz ta' ritrattazzjoni "*jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra.*" Hawn ir-rikorrent jerga jorbot dan l-ilment mad-dokument 'X' li gie ezebit mar-rikors promotur billi qed jinghad li d-dolo ezercitat mill-kontroparti kien jikkonsisti fil-prezentata ta' dokumenti li ffurmaw il-bazi tas-sentenza fuq imsemmija, u liema dokumenti huma foloz u fabbrikati kif jidher, skond l-istess rikorrent, mid-dokument 'X' minnu ezebit.

Il-ligi titlob li sabiex l-qerq jiggustifika r-ritrattazzjoni jehtieg li tali qerq jigi ezercitat minn parti kontra l-ohra u mhux semplicement jikkonsisti f'xhieda qarrieqa ta' xhud li jissejjah fil-kawza. Il-ligi ma tghidx x'tip ta' qerq iwassal ghall-akkoljiment ta' din it-talba, biss jidher li l-Qrati taghna dejjem imxew fuq l-insenjamenti ta' guristi awtorevoli taljani bhal ma huma r-Ricci, il-Pisanelli u dak li hemm fid-Digesto Italiano. Infatti din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 1942 fil-kawza **Fortunato Pisani vs Antonio Pisani** (Vol XXXI. p.231) irriteniet li "*Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista` jaghti lok ghar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, izda meta minhabba r-raggiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti l-avversarju gie mqieghed fl-impossibilita` ta' difiza gusta u tajba.*" Infatti fl-imsemmija sentenza l-Qorti kompliet tghid li "*Jekk il-parti naqset li ggib xi prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, imma ghan-negligenza taghha, ma tistax, wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet f'gudikat, tmur ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni.*"

Ir-rikorrent qed isostni li l-ingann kien jikkonsisti f'dokumenti fabbrikati u falsifikati, liema dokumenti jikkuntrastaw b'mod lampanti ma' dokument li huwa

qieghed jipprezenta ma' dan ir-rikors. Wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi dawk relatati mal-proceduri ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` tal-kuntratt tat-8 ta' Lulju, 1996, hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tghid li dan l-ilment tar-rikorrent ma ghandu ebda fondament la fil-fatt u lanqas fil-ligi u dan ghas-segwenti ragunijiet.

a) Id-dokument 'X', li gie ezebit mar-rikors promotur, kien facilment producibbli waqt il-proceduri in prim'istanza in kwantu dan kien jinstab f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana. Ir-rikorrent certament kien jaf b'dan id-dokument billi l-merkanzija, skond hu, giet rilaxxata lilu a bazi ta' l-istess dokument. Ir-rikorrent ghalhekk naqas meta ma pproduciex dan id-dokument u naqas ukoll li jsejjah, kif ghamel f'dawn il-proceduri, lir-rapprezentant tad-Dipartiment tad-Dwana biex jixhed fuq il-konsenja in kwistjoni. Dan in-nuqqas tieghu ma jistax issa jiggustifika talba a ritrattazzjoni fuq il-principju fuq enuncjat fis-sentenza **Pisani utrinque**.

b) Is-sentenza tal-prim' istanza, ghalkemm finalment ikkundannat lir-rikorrent odjern jhallas l-ammonti indikati fl-'invoices' ezebiti mill-attur, ghamlet konsiderazzjonijiet li kienu principalment indirizzati lejn il-kwistjoni ta' kredibilita` u waslet ghad-decizjoni taghha mhux tant fuq l-imsemmija dokumenti ezebiti mis-socjeta` attrici izda wara li osservat li "*l-Qorti jidhrilha li bejn verzjoni u ohra ghandha taghti ferm izjed kredibilita` lil dak li xehed l-attur nomine minn dak li invece xehed il-konvenut.*" U dan kien proprju r-raguni tad-decizjoni ta' l-ewwel qorti, liema apprezzament gie abbraccjat u kkonfermat minn din il-Qorti fit-tieni stadju ta' dawk il-proceduri.

c) Illi d-dokument 'X' ezebit mir-rikorrent jidher suspett. Dan ghaliex huwa kontradett mhux biss mill-ittra tas-socjeta` attrici tat-3 ta' Marzu 1992 (Dok A anness mac-citazzjoni) fejn tissemma' l-ordni li saret mill-konvenut u l-prezz relativ, izda wkoll huwa kontradett mid-dokument D a fol 9 ta' process, fejn hemm indikat l-ammont ta' *cartons* li ittiehdu ghall-konsenja lill-konvenut. Inoltre jirrizulta ukoll li l-istess Robert Yates cahad li l-firma li tinsab fuq l-istess

dokument fuq il-kliem “Bob.Yates – Export Manager” kienet tieghu. Il-Qorti tosserva wkoll f’dan ir-rigward li din il-firma ma taqbel xejn mal-firma tal-istess Yates li hemm fil-Euro1 Certificate a fol 37 tal-process (liema dokument jidher li gie mbaghbas u certament kull kambjament fid-dokument sar Malta billi kien hawn biss li l-konvenut jew l-agenti tieghu indunaw li waslu biss 66 *carton* u mhux 80 kif indikat fl-imsemmi dokument). L-istess firma li tidher fuq id-dokument ‘X’ ukoll ma taqbilx mal-firma ta’ Robert Yates li tinsab fuq il-prokura li huwa kien irrilaxxa favur Dr. Anthony H. Farrugia fis-27 ta’ Mejju, 1992 (fol 149 et seq) u liema firma giet attestata minn Dr. Joseph Schembri.

L-ilment bazat fuq is-subinciz (a) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 ghalhekk mhux gustifikat. Ghall-istess ragunijiet hawn fuq moghtija, relattivament ghall-kredibilita` tad-dokument ‘X’, l-ilment tar-rikorrent bazat fuq is-subinciz (k) tal-Artikolu 811 fuq imsemmi, ukoll qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-talbiet kontenuti fir-rikors ta’ Anthony sive Tony Aquilina tat-22 ta’ Awissu, 1996 qed jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------